# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 46**

**24 ta' April 2019**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Saviour Borġ – Sindku
Victor Cefai – Viċi-Sindku
Carmel Farruġia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

George Refalo – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ ippresjeda l-Laqgħa.

**46.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.**

46.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija. Intqalgħet it-talba tal-bidu. Minħabba li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija, il-Laqgħa tkompliet skont l-Aġenda.

**46.2 Qari, Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa preċedenti.**

46.2.1 Inqraw il-minuti tal-ħamsa u erbgħin(45) Laqgħa u ġew approvati unanimament wara li saru xi emendi. Dawn il-Minuti kienu ġew preparati mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ms Manolita Farrugia u eventwalment emendati fil-preżenza tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv is-Sur George Refalo.

**46.3 Klarifikazzjoni dwar l-*Interim-Audit*.**

46.3.1 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borġ, spjega kif l-Mid-Term Audit kien lest saħansitra għal-Laqgħa preċedenti li nżammet fit-tmintax(18) ta' Marzu 2019 imma minħabba li l-Laqgħa ma tkomplietx, qiegħed jerġa' jitressaq f'din il-Laqgħa għall-approvazzjoni jew mod ieħor tal-Kunsill. Infatti akar tard ser jitressaq ukoll l-aħħar *Quarterly Report* għas-sena 2018 u li ukoll kien lest imma li minħabba l-istess raġuni ma laħaqx tressaq fl-aħħar Laqgħa għall-approvazzjoni jew mod ieħor tal-Kunsill.

**46.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

46.4.1 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borġ, irringrazzja f'ismu u f'isem il-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali Fontana, lis-Sur George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex li aċċetta li jassumi l-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Fontana minkejja l-ħafna impenji li għandu kemm ir-Reġjun, kif ukoll fil-ħajja personali tiegħu, sabiex il-ħidma tal-Kunsill tibqa' għaddejja bla waqfien f'dan iż-żmien partikulari u delikat meta l-Elezzjoni tal-Kunsill Lokali tinsab fil-qrib.

46.4.2 Wara, is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ, ta ħarsa lejn il-ħidma tal-Kunsill li twettqet matul ix-xhur ta' Marzu u April 2019 fejn fost ħafna inizzjattivi li twettqu, semma' li ġiet organizzata b'suċċess Ħarġa għal Malta nhar Ħadd il-Palm, il-Ħadd, 14 ta' April, 2019 li għaliha kien hemm konkorrenza ta' 40 persuna fosthom is-Sindku nniffsu fejn saret żjara lir-Redentur tal-Isla, il-Knisja tal-Birgu u l-Mużew adjaċenti, il-Belt ta' Bormla fejn kien hemm Wirja tal-Ġimgħa

l-Kbira b'xogħol tal-melħ, mejda tal-Appostli u l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħal-Għaxaq kif ukoll żjajar ġewwa Dellimara u Marsaxlokk. Bi pjaċir ħabbar ukoll li ser tinżamm Ħarġa oħra għal Malta fil-5 ta'Mejju kif ukoll li hemm il-ħsieb li forsi tinżamm Ħarġa oħra din id-darba f'Għawdex għal dawk interessati u bil-prezzijiet tas-soltu.

Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li hu ġie mistieden bħala Sindku sabiex jattendi għall-attività tal-*Waste Reduction Week* imtella' mill-Kumpanija Wasteserv fil-Lukanda Westin Dragona fejn il-Kunsill, grazzi għall-impenn tar-Residenti tal-Lokalità, għat-tielet sena konsekuttiva l-Lokalità tal-Fontana rebħet Premju mogħti minn Wasteserv fil-*Waste Reduction Week*, li din is-sena ilaħħaq is-somma ta' €3,000 - it-Tieni Premju minn Għawdex u li ġie mogħti premju tal-Organic Waste u voucher ta' €3,000.

Is-Sindku is-Sur Saviour Borġ għarraf ukoll lill-Kunsill li kien intlaħaq ftehim ma' *Heritage Malta* flimkien mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali(AKL) fejn qiegħed jiġi offrut b'xejn Passaport lill-Anzjani li jiggarantixxi dħul b'xejn u bla limitu fil-Mużewijiet u s-Siti Storiċi kollha ta' Heritage Malta u li l-Anzjan jista' jkun akkumpanjat ukoll minn żewġ żgħażagħ li huma wkoll ikunu jistgħu jidħlu mingħajr ħlas, kif ukoll li ġie iffirmat kuntratt dwar skema ta' organizzazzjoni ta' Attivitajiet Sportivi għall-Komunità filwaqt li għadhom iridu jiġu kkunsidrati sew il-kundizzjonijiet li ser jiġu mitluba sabiex eventwalment ikunu jistgħu jiġu organizzati ċertu dixxiplini sportivi li numru minnhom iridu jsiru ġewwa.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa għaddejjin ix-xogħolijiet tal-installazzjoni tal-arja kundizzjonata fis-Sala tal-Komunità u li dawn suppost jitlestew sal-Elezzjoni minħabba li s-Sala trid tintuża kif ukoll talab laqgħa mal-Perit Gordon Vella dwar qtar ta' ilma mis-saqaf tas-Sala tal-Komunità; li tlesta l-Ħajt tas-Sejjiegħ fi Triq tax-Xlendi u li dan ix-xogħol li ġie mfaħħar ħafna sewa' ftit aktar minn €6,000 u sar mis-Sur Alfred Attard meta l-offerta oriġinali għal dan ix-xogħol kienet mitfugħa għall-prezz ta' €23,000; li tlesta t-tiġdid tal-isqaq ta' Kaputt; li inqata' l-ħaxix u tħawwlu qsari u nżabbru żewġ siġriet tal-ħarrub mis-Sur Neville Mercieca wara li ġew miksuba l-permessi meħtieġa mill-Awtorità tal-Ambjent u dawn ix-xogħolijiet kollha saru fit-Toroq il-Kardinal Alessandro Franchi u John Gaspard Le Marchant minħabba li kienu jgħattu l-fanali l-ġodda li ġew installati; li sar ukoll iż-żbir ta' siġar fil-Belveder ta' Triq Ta' Mulejja u sar xogħol ta' tgħażżiq fil-*Playing Field*, filwaqt li ippropona u l-Kunsill qabel li għandu jitqabbad xi ħadd biex jaqta' il-ħaxix fit-toroq Wied Siekel, Għajn Tuta u Trejqet ix-Xagħri, Wara l-Idjar u r-Razzett.

Is-Sindku temm l-intervent tiegħu billi għarraf lill-Kunsill li twaħħlu sitta' u għoxrin(26) fanal fit-Toroq il-Kardinal Alessandro Franchi u John Gaspard Le Marchant u li diġa' kienu mixgħula u li bħalissa kien qiegħed jiġi konkluż ix-xogħol tal-irranġar tal-paviment ta' madwar l-istess fanali.

## 46.5 Preżentazzjoni tal-*Audited Accounts* għas-sena 2018.

46.5.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li l-*Accountant* tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea ma setax jattendi għal-Laqgħa biss wiegħed li ser ikun dispost xorta waħda f'każ ta' ħtieġa.

46.5.2 Għaldaqstant, il-membri qabblu li għandu jsir kollegament miegħu waqt il-Laqgħa u għalhekk saret telefonata *viva voce* miegħu sabiex il-membri tal-Kunsill ikunu jistgħu jisimgħu l-intervent tiegħu filwaqt li jekk tinħass il-ħtieġa saħansitra jiddiskutu miegħu xi punti ukoll.

46.5.3 Wara li s-Sur Galea ġie mitlub jagħti *resumè* tal-*Audited Mid-Term Financial Statements* li jkopru l-perjodu minn Jannar sa Ġunju 2018, għarraf lill-Kunsill li wara li sar l-eżerċizzju ta' verifika mill-Awdituri, liema Awdituri kkonfermaw ir-rapport li kien ġie preżentat fil-laqgħat precedenti tal-Kunsill, bażikament kien ġie kkonfermat li l-Kunsill għalaq il-perjodu sa' Gunju 2018 b'*surplus* akkumulat ta' Eur171,474. Dan meta l-Kunsill kellu Eur178,680 fil-kont tal-Bank, kellu jirċievi Eur8,254 u kien fadallu jħallas Eur15,462.

46.5.4 Wara li ġew kjarifikati xi punti, is-Sur Galea imbagħad ġie mitlub jagħti *resumè* tal-*Audited Financial Statements* li jkopru s-sena 2018 kollha fejn għarraf lill-Kunsill li wara li sar l-eżerċizzju ta' verifika mill-Awdituri, huma kkonfermaw ir-rapport li kien ġie preżentat fi Frar li għadda u bażikament ġie kkonfermat li l-Kunsill għalaq is-sena 2018 b'*surplus* akkumulat ta' Eur110,983. Dan meta l-Kunsill kellu Eur311,184 fil-kont tal-Bank, kellu jirċievi Eur9,697 u kien fadallu jħallas Eur209,898.

46.5.5 Fl-aħħar is-Sur Galea temm l-intervent tiegħu billi fir-rigward tal-aħħar *Quarterly Report* għas-sena 2018, irrimarka li l-istess ċifri u figuri li ġew konfermati fl-*Audited Financial Statements* għas-sena 2018 li kienu għadhom kif ġew preżentati, kienu jaqblu u għaldqastant jikkonfermaw ukoll l-istess ċifri u figuri kif maqbula fil-*Quartely Report* li kienu ilu lest ħafna imma li ma kienx ġie preżentat qabel.

46.5.6 Wara li l-membri rringrzzjaw lis-Sur Galea tal-intervent tiegħu f'dan il-mument tal-ġurnata, approvaw kemm l-*Audited Mid-Term Financial Statements*, kif ukoll l-*Audited Financial Statements* għas-sena 2018 flimkien mal-aħħar *Quartely Report* għas-sena 2018.

## 46.6 Sejħa ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali.

46.6.1 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borġ, filwaqt li għarraf lill-Kunsill li wara li telqet id-Deputat Segretarju preċedenti, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali mill-ewwel informa lill-Kunsill sabiex minnufih tinħareġ is-Sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv, fakkar ukoll li l-iskrivan tal-Kunsill kien ser itemm l-impjieg tiegħu mal-Kunsill f'nofs Ġunju u għalhekk teżisti l-problema li mhux ser ikun hemm żmien biżżejjed sabiex kemm-il darba tinħareġ is-sejħa ta' Segretarju Eżekuttiv, min jintgħażel jingħata *hand-over* diċenti. Għaldaqstant, talab lill-Kunsill jiddeċiedi jekk din is-sejħa għandhiex tinħareġ jew mod ieħor.

46.6.2 Wara diskussjoni interessanti fejn il-Kunsillier Horace Micallef saqsa dwar jekk għandux jkun Kunsill ġdid li jagħżel is-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid, kif ukoll saret referenza għall-fatt li r-Riforma għall-Gvern Lokali kienet għada ma daħlitx fis-seħħ, fost il-membri preżenti deher li jeżisti kunsens li kemm-il-darba s-sejħa tiġi pubblikata preferibilment qabel l-elezzjoni bit-tama li sa' meta jassumi r-responsabbiltà Kunsill ġdid is-Segretarju Eżekuttiv ikun approvat ukoll mill-Ministru konċernat u b'hekk Kunsill ġdid ikun jista' jibda jopera mingħajr intoppi, kif ukoll li jagħmel sens li s-Sejħa tinħareġ għall-Segretarju *Full-time* u mhux aktar *Part-time* minħabba li r-riforma kienet teskludi l-possibilità ta' Segretarju Eżekuttiv impjegat fuq bażi ta' Part-time.

46.6.3 Għaldaqstant, il-Kunsilliera qabblu ukoll li jkun aktar għaqli jekk huma jingħataw aktar żmien sabiex jikkunsidraw sew dak li ġie diskuss filwaqt li qabblu li għandha tinżamm Laqgħa urġenti fil-ġranet li ġejjin sabiex tiġi diskussa din il-materja fid-dawl ta' dak li ġie diskuss f'din il-Laqgħa sabiex sal-aħħar ta' Mejju ikun preferibilment intgħażel is-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid bit-tama ukoll li sad-data tal-ġurament tal-Kunsill il-ġdid, ikun saħansitra ġie approvat mill-Ministru konċernat kif titlob il-Liġi.

**46.7 Ħruġ u Evalwazzjoni ta' Offerti.**

46.7.1 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borġ, għarraf lill-membri preżenti li l-offerta għat-tqegħid tal-pavimentar bil-profido madwar il-Knisja kienet għalqet u eventwalment evalwata ukoll u għalhekk stieden lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jaqra r-rapport tal-Evalwazzjoni għall-benefiċċju tal-membri preżenti.

Wara li nqara' r-rapport u ngħatat spjega sodisfaċenti għalfejn l-uniku offerent, il-Kumpanija *Idea Plan Limited* ma' ġiex aċċettat minħabba li l-offerta mixħuta ma kinitx teknikament konformi ma' dak mitlub fl-offerta, il-Kunsill qabel li wara li jingħalaq iż-żmien tal-appell din l-offerta għandha terġa' tiġi ippubblikata.

Is-Sindku s-Sur Saviour Borġ issuġġerixxa li għandhom jitwaħħlu posters fil-qrib li jinfurmaw lill-pubbliku in ġenerali b'dan il-proġett u l-membri qabblu li dawn għandhom jiġu ordnati u mwaħħla.

46.7.2 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borġ, għarraf lill-Kunsilliera li fil-ġranet li ġejjin sejjer jiġi ffirmat il-kuntratt l-ieħor mal-Kumpanija MicaMed dwar il-provista tal-fanali dekorattivi oħra li jridu jitwaħħlu f'numru ta' postijiet madwar il-Lokalità tal-Fontana bit-tama li sal-Festa jkunu ukoll f'posthom; kif ukoll li l-istess Kuntrattur MicaMed aċċetta li tittranġa a spejjeż tiegħu l-ħsara li ġarrbet l-art tas-Sala tal-Komunità meta twasslu l-Fanali tat-Toroq il-Kardinal Alessandro Franchi u John Gaspard Le Marchant u li għalhekk wara li jitwaħħlu l-*Air Conditioners* tas-Sala jinbdew ix-xogħolijiet rispettivi ukoll dejjem jekk ma jkunx laħaq daħal iż-żmien kemm għall-Elezzjoni kif ukoll għall-Festa Titulari minħabba li s-Sala ser tintuża fiż-żewġ avvenimenti rispettivi.

46.7.3 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef talab li jkun skużat mil-Laqgħa minħabba impenji oħra.

46.7.3 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borġ, għarraf lill-Kunsilliera li wara li l-Kunsill approva l-iffirmar tal-Kuntratt mal-Kumpanija Gatt Tarmac Ltd sabiex jinbeda r-*resurfacing* bit-tarmak ta' Triq il-Għajn, li ser issir minn fondi mogħtija appositament mill-Ministeru għal Għawdex, il-Kuntrattur kien inkluda bil-kitba klawsola miżjuda *extra* fl-istess kuntratt fejn speċifika li ma kienx possibbli li l-ġranet tal-kuntratt ikunu onorati u li l-istess proġett allura jitlesta' sal-aħħar ta' Mejju 2019 kif miftihem. Għalhekk, il-Kunsill Lokali fittex parir legali fejn irriżulta li minħabba li dik il-klawsola ġiet inkluża wara l-iffirmar u bi ksur tal-istess kundizzjonijiet tal-offerta, għaldaqstant hija *ultra vires*. Is-Sindku filwaqt li fakkar ukoll li l-Kunsill fuq parir tal-Perit Anthony Bezzina kif ukoll bl-iskop li x-xogħolijiet isiru bl-inqas inkonvenjent kemm għar-residenti kif ukoll għat-traffiku li jgħaddi mill-inħawi, mill-ewwel kien jaqbel li l-proġett għandu jinqasam fuq żewġ fażijiet fejn fl-ewwel fażi ssir dik il-parti tat-triq li minn Pjazza t-Tomba tasal sa' Triq il-Qalb ta' Ġesu biex imbagħad wara l-Festa Titulari titkompla t-tieni fażi li tikkonsisti minn Triq il-Qalb ta' Ġesu u li twassal sa' Triq il-Kappillan Hili. Għaldaqstant, is-Sindku għarraf lill-Kunsilliera li fil-ġranet li ġejjin il-Kunsill kien ser ilaqqa' lill-Kuntrattur mal-Perit tal-Proġett bit-tama li filwaqt li jiġu ċċarati dawn il-punti tinstab soluzzjoni għal kif jkun l-aħjar mod li jsir ix-xogħol f'din it-Triq arterjali u fl-aħjar interess tal-partijiet kollha involuti u b'mod speċjali bl-inqas inkonvenjent għar-residenti li jgħammru fl-istess triq fid-dawl tal-fatt li ssa dieħel ukoll iż-żmien tal-Festa Titulari tal-Lokalità.

46.7.4 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borġ, fakkar lill-Kunsilliera li l-offerta għall-ġbir taż-żibel kienet skadiet u kienet qegħda tiġġedded xahar b'xahar minkejja li l-Kunsill kien diġà approva madwar sena ilu l-pubblikazzjoni tal-istess offerta, u li għaldaqstant iħoss li din l-offerta għandha tinħareġ minnufih sabiex Kunsill ġdid ikun f'pożizzjoni li japprova r-rapport tal-evalwazzjoni kif ukoll is-servizz jibda' jingħata skont l-kuntratt tal-offerta l-ġdida. Wara diskussjoni interessanti, il-Kunsill qabel li tinħareġ l-offerta filwaqt li ġew maħtura l-membri tal-Bord tal-Evalwaturi li huma *Chairman* is-Sur William Sultana u l-membri l-Avukat JohnPaul Grech u l-Accountant Daniel Galea u minħabba li għal din l-offerta jixraq li jkun hemm preżenti Inġinier Mekkaniku, inħatar l-Inġinier Matthew Cauchi.

46.7.5 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borġ, filwaqt li fakkar li l-kuntratt mal-iskemi awtorizzati mill-ERA biex isir il-ġbir tal-iskart separat tal-karta, metall, plastik u ħġieġ kien ser jiskadi fl-aħħar ta' Ġunju 2019 u li minħabba f'hekk id-Dipartiment għall-Gvern kien ħareġ Ċirkulari Numru 3/2019 fejn ġiet spjegata l-proċedura ta' kif il-Kunsill Lokali għandhom jagħżlu wieħed mill-iskemi awtorizzati biex isir il-ġbir ta' dan l-iskart separat filwaqt li tobbliga lill-Kunsilli Lokali sabiex fi żmien adegwat qabel ma jkun ser jiskadi l-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart separat li l-Kunsill ikollu ma' waħda mill-iskemi awtorizzati mill-ERA, għandhom joħorġu komunikat liż-żewġ skemi awtorizzati li huma l-Green MT Ltd u l-GreenPak COOP sabiex jissottomettu l-proposta tagħhom lill-Kunsill Lokali u li ma tkunx ta' aktar minn sentejn(2) u li jibdew wara li jiskadi l-eżistenti. Wara diskussjoni qasira fejn is-Sindku aċċenna għal dak li ġie diskuss fir-Reġjun Għawdex dwar kif għandha tinkiteb is-sejħa sabiex ikun hemm speċifikat ukoll sabiex mal-iskart Ħġieġ kull l-ewwel Ħamis ta' kull xahar, il-Kuntratturi jintalbu jiġbru ukoll il-kontenituri reċiklabbli li fihom jkun inħareġ il-ħġieġ, minħabba li fil-preżent kull meta ssir il-ġabra tal-iskart ħġieġ, il-Lokalitajiet Għawdxin qegħdin jingħataw dehra ta' miżbla bil-ħmieġ abbandunat u imxerred ma' kullimkien, il-Kunsill qabel li ġaladarba sal-aħħar ta' Ġunju 2019 ma

jkunx għadu beda jiffunzjona l-Kunsill il-ġdid, din is-sejħa għandha tinħareġ minnufih sabiex sad-data tat-terminu tal-kuntratt preżenti, jiġi magħżul il-kuntrattur il-ġdid li ser jiġbor dan l-iskart separat sabiex il-ġbir jibqa' jsir kif mitlub.

46.7.6 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borġ, filwaqt li semma' li l-Proġett Sort It Out, li kien jikkonsisti fit-tqassim ta' erba'(4) *bins* ikkuluriti lir-residenti sabiex ikun jista' jsir l-iskart separat fihom ġewwa d-djar stess, kien għadu għaddej tant li l-Kuntrattur *Green Skips Services Limited* kienu infurmaw lill-Kunsill Lokali ta' Għawdex dwar tqassim fl-istess Kunsilli Lokali fil-bidu ta' Marzu u ta' April 2019, kif ukoll aċċenna għaċ-Ċirkulari AKL 2019/022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali(AKL) fejn ħeġġet lill-istess Kunsilli Lokali sabiex kemm-il darba jkunu avviċinati mill-istess Kumpanija dwar aktar tqassim fil-Lokalità biex ikomplu joffru s-sapport meħtieġ kollu sabiex kemm jista' jkun ir-residenti jingħataw il-bins, spjega kif sal-lum tletin residenza għadhom mingħajr dawn il-bins minħabba li l-istess kuntrattur qiegħed jgħid li dawn huma mniżżla fid-database tagħhom li ħaduhom meta ma huwiex il-każ tant li dawn meta kkuntattjati kkonfermaw li qatt ma ġabruhom huma personalment u għalhekk stieden lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jindaga dwar dan sabiex dawn ir-residenzi jingħatawlhom dawn il-bins bħal kulħadd f'Malta u Għawdex.

46.7.7 Is-Sindku s-Sur Saviour Borġ, filwaqt li għamel referenza għad-diskussjoni li saret fi ħdan ir-Reġjun Għawdex kif ukoll għall-korrispondenza kollha li għaddiet bejn id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, l-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali(AKL) u l-Kunsili Lokali b'rabta mal-ħatra ta' *Data Protection Officer*, spjega kif għalkemm ingħatat direttiva mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex ma jiġux pubblikati aktar sejħiet għall-offerti u/jew jiġu iffirmati kuntratti mir-Reġjuni li jeffettwaw il-Kunsilli Lokali kollha li jiffurmaw parti mill-istess Kumitat Reġjonali minħabba t-tibdil bir-riforma, fil-każ tas-Sejħa għal *Data Protection Officer* kienet saret eċċezzjoni kif ukoll fil-każ ta' Għawdex din id-direttiva ma kinitx tapplika minħabba li r-Reġjun Għawdex mhux ser ikollu tibdil ta' konfini u għalhekk fi ħdan ir-Reġjun Għawdex din il-materja kienet ġiet diskussa fejn il-membri qabblu li din is-sejħa tinħareġ mir-Reġjun Għawdex bil-għan li jiġi akkwistat prezz aħjar għal kulħadd u mhux tinħareġ mill-Kunsilli Lokali individwalment u dan minħabba li l-Kunsilli Lokali qegħdin jiġu mitluba jaħtru *Data Protection Officer*.

Wara diskusjoni interessanti fejn id-Deputat Segretarju Eżekuttiv minħabba li hu ukoll is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex spjega l-fatt li d-*Data Protection Officer* hu mistenni li jagħmel kemm awdittjar tad-dokumenti kollha miżmuma fil-Kunsill Lokali, kif ukoll tfassil ta' *Privacy* u *Retention Policies* li jikkonċernaw anke siti elettroniċi u midja soċjali oħra, informa lill-membri preżenti li r-Reġjun Għawdex kien bagħat korrispondenza fejn il-Kunsilli Lokali kollha ta' Għawdex ingħataw sal-Ġimgħa 26 ta' April 2019 żmien biex jikkonfermaw jew mod ieħor jekk ir-Reġjun Għawdex joħroġx is-Sejħa hu jew mod ieħor u li kemm-il darba ikun hemm qbil unanimu mill-Kunsilli Lokali, ir-Reġjun Għawdex jippubblika s-sejħa sabiex sal-aħħar ta' Mejju 2019 ikun ġie konkluż dan il-proċess u b'hekk l-Kunsilli Lokali jkunu f'pożizzjoni li jinnominaw u jaħtru d-*Data Protection Officer* rispettiv tagħhom, il-membri qabblu ukoll li din is-sejħa għandha tinħareġ mir-Reġjun Għawdex f'isem il-Kunsilli Lokali kollha ta' Għawdex bit-tama sal-aħħar ta' Mejju 2019.

**46.8 Xogħolijiet oħra li huma meħtieġa u *magazine* tat-tmiem il-leġislatura.**

46.8.1 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borġ, għarraf lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-proġett tal-Kunsill li jippubblika ktieb dwar l-Istorja tal-Fontana f'għeluq il-ħamsa u għoxrin(25) sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali li ser jinkludi 248 paġna kif ukoll 242 ritratt qiegħed jiġi konkluż u wieħed jittama' ukoll li sa' tmiem il-Liġislatura jkun tqassam f'kull residenza u dan bi qbil tal-Kunsill.

**46.9 Ilmenti.**

46.9.1 Il-Kunsillier is-Sur Mario Mercieca ressaq ilment ieħor f'isem numru ta' residenti li joqgħosu f'nofs it-Triq tal-Għajn dwar tappiera quddiem Sqaq l-Andar li qegħda toħloq ħafna ħsejjes kull x'ħin jgħaddu l-vetturi minn fuqha - Il-Kunsill iddeċieda li din it-tappiera għandha tiġi rapurtata lill-Korporazzjoni tal-Ilma sabiex titranġa mill-aktar fis.

46.9.2 Il-Kunsillier is-Sur Mario Mercieca ressaq ilment f'isem ir-residenti u s-sewwieqa li jiffrekwentaw Triq il-Għajn minħabba li fl-unika parti li ma hijiex *one way* u hija miftuħa għal żewġ karreġġjati minkejja li hemm single yellow line fuq naħa minnhom, il-vettura xorta waħda qegħdin jipparkjaw hemm bl-inkonvenjent li dan kollu qiegħed joħloq kemm lir-residenzi kif ukoll lis-sewwieqa li jiffrekwentaw dik it-triq u għalhekk dawn ir-residenti qegħdin jitolbu li hemm ikun hemm double yellow line flok single. Il-Kunsill filwaqt li ħa in kusiderazzjoni tal-fatt li dik hi triq arterjali u li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għal Għawdex tant li aktar qabel issemma' kif l-istess Ministeru kien ta' fondi lill-Kunsill sabiex dik it-triq jingħatalha wiċċ ġdid bit-tarmak, iddeċieda li din il-proposta għandha tiġi kkunsidrata minn Kunsill ġdid wara li jkun sar il-wiċċ ġdid bit-tarmak tat-triq in kwistjoni u ġie studjat l-andament u l-komportament tas-sewwieqa minħabba dan ir-rigward.

46.9.3 Il-Kunsillier is-Sur Mario Mercieca ressaq ilment ieħor f'isem numru ta' residenti fi Triq l-Kappillan Ġużepp Hili proprju maġenb il-Monument tal-EneMalta li hemm f'tarf it-triq kantuniera mal-Belt Victoria dwar boroż tal-iskart kemm dawk suwed kif ukoll ġriżi li jinħarrġu mill-Jobsplus u jitqegħdu quddiem residenzi ta' nies u quddiem dan il-Monument fil-konfini tal-Kunsill Lokali Fontana meta Entitajiet Pubbliċi u Kummerċjali għandhom il-ġbir tal-iskart tagħhom; kif ukoll ma għandhomx japprofittaw mill-ġbir tal-iskart domestiku li jinġabar u jħallas tas-servizz tal-ġbir il-Kunsill Lokali Fontana; kif ukoll meta l-istess Jobsplus tinsab ġewwa l-Belt Victoria u mhux fil-konfini tal-Fontana; kif ukoll minħabba l-fatt li dawn il-boroż qegħdin jintefgħu maġenb Monument u fi Triq Arterjali bil-konsegwenzi li d-dehra ta' dawn l-boroż qegħda dejjem tagħti f'għajn kull minn jiffrekwenta din it-Triq kull filgħodu. Il-Kunsill iddeċieda li l-Kunsill għandu jikteb lill-Jobsplus fejn filwaqt li jinfurmahom li mhux suppost jinħareġ skart ta' din l-Entità Pubblika sabiex jinġabar mis-servizz offrut mill-Kunsill Lokali lir-residenti tal-Lokal jgħarrafhom ukoll li dan ma għandux jitqiegħed fil-konfini tal-Kunsill Lokali Fontana u agħar minn hekk quddiem Monument storiku.

**46.10 Korrispondenza**

46.10.1 Ittra mibgħuta minn Mons. Rosario Borġ u datata 21 ta' April, 2019 fejn umilment jitlob li juża s-Sala tal-Komunità nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju 2019 sabiex fiha jkun jista' jinżamm ir-riċeviment tal-festin tiegħhu f'għeluq is-Sittin Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali u li għalih kien qiegħed ukoll jistieden lis-Sindku u lill-Kunsilliera kollha– Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li qabel li b'turija ta' rikonoxximent għall-ħidma inċessanti ta' Mons. Borġ fi ħdan il-Komunità tal-Fontana qablu li joffrulu is-Sala tal-Komunità bla ħlas.

46.10.2 Ittra u email mibgħuta t-tnejn mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa tal-Fontana Dun John Muscat u datati 15 ta' Marzu 2019 u 24 ta' April 2019 rispettivament, fejn fl-ittra jitlob sabiex il-Kunsill jiffinanzja *feature* li jintwera lejliet il-Festa dwar il-Lokalità u l-Festa tal-Parroċċa u u li huwa stmat li ser jiswa €1,000 sabiex isir dan il-feature; kif ukoll *email* fejn jistaqsi jekk il-Kunsill huwiex interessat jikkollabora mal-Paroċċa dwar Festa Tfal 2019 – Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li kien hemm qbil li l-Kunsill bħas-snin ta' qabel jorganizza hu Festa Tfal 2019 flimkien mal-Paroċċa, kif ukoll iħallas dan il-*feature* kemm-il darba jkun jitratta tema tal-Lokalità li tkun mgħarrfa lill-Kunsill Lokali minn qabel u basta sa massimu ta' mhux aktar minn €700.

46.10.3 Ċirkulari Numru 4/2019 dwar l-Elezzjonijiet għall-Gvern Lokali li ser jinżammu fil-25 ta' Mejju 2019, mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datata 18 ta' April 2019, fejn filwaqt li telenka l-obbligazzjonijiet u l-proċessi amministrattivi kollha li jeħtieġ li jsiru mis-Segretarju Eżekutivi, tinforma lill-membri li ċ-Ċerimonja taql-Ġurament jew Affermazzjoni tal-Ħatra tal-Kunsillieri ser tinżamm nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju 2019 ġewwa Dar il-Mediterran il-Belt Valletta, kif ukoll tavża li legalment il-Kunsilliera preżenti ser jibqgħu fil-kariga sat-30 ta' Ġunju 2019 u li l-Kunsilliera l-ġodda li jiġi eletti fl-Elezzjoni jassumu l-kariga b'effett mill-1 ta' Lulju 2019. – Il-Kunsill innota il-kontenut.

46.10.4 Ċirkulari Numru 5/2019 dwar l-għeluq tal-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali fl-Elezzjonijiet għall-Gvern Lokali li ser jinżammu fil-25 ta' Mejju 2019, mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datata 23 ta' April 2019, fejn filwaqt li tavża lis-Segretarji Eżekuttivi sabiex jaċċertaw irwieħhom li l-Uffiċċji Amministrattivi kollha għandhom jibqgħu magħluqa fil-jum tal-Elezzjonijiet għall-Gvern Lokali li ser jinżammu fil-25 ta' Mejju 2019, tordna sabiex jinħarġu avviżi għall-pubbliku kemm fuq in-notice boards kif ukoll b'kull mod ta' komunikazzjoni li jidhrilhom xieraq biex jinfurmaw lill-Pubbliku – Il-Kunsill innota il-kontenut.

46.10.5 Ċirkulari Numru *SPI*/05/2019 dwar espressjoni ta' interess għall-iskema Rebbiegħa fil-Komunità – Xettel b'Ilwien in-Natura mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datata 8 ta' Marzu 2019, fejn filwaqt li tinforma li minn statistika miġbura tul iż-żmenijiet kollox jindika li l-kuntatt man-natura jiprovdi benefiċċji kbar għas-saħħa u l-benessere tal-bniedem, tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali interessati li jsebbħu żoni bi fjuri naturali permezz ta' pjanti mogħtija b'xejn appositament biċ-ċans ukoll li dawk il-Kunsill Lokali parteċipanti jidħlu f'kompetizzjoni li jistgħu jirbħu premijiet fi flus. Kull Kunsill Lokali parteċipi hu mistenni li jagħżel tlett(3) toroq jew żoni li għandu l-ħsieb li jsebbaħ - Il-Kunsill innota il-kontenut filwaqt li s-Sindku informa

lill-Kunsill li minħabba li d-data tal-għeluq tal-applikazzjoni kienet għalqet fis-27 ta' Marzu 2019, il-Kusnill kien issottometta l-applikazzjoni u li fit-12 ta' April 2019 il-Kunsill kien infurmat li l-applikazzjoni ġiet aċċettata u li fil-ġranet li ġejjin ser jaslu l-*vouchers*. Wara diskussjoni qasira fejn ġie spjegat li t-toroq u ż-żoni magħżula biex jissebbħu kienu It-Toroq il-Kardinal Alessandro Franchi u John Gaspard Le Marchant; il-*Playing Field* ta' fejn il-Knisja u l-Isqaq ta' Kaputt flimkien mal-Belvedere ta' Fuq l-Għajn ta' Bendu.

46.10.6 Ċirkulari Numru *SPI*/06/2019 dwar espressjoni ta' interess għall-programm Għaqal id-Dar – Ħajja Aħjar mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datata 10 ta' April 2019, fejn filwaqt li tfakkar fl-irwol importanti fil-promozzjoni tal-ħajja sana u l-benessere taċ-ċittadin, tagħti ħarsa lejn il-proċeduri li dawk il-Kunsilli Lokali interessati huma mitluba jadottaw filwaqt li tistieden lill-Kunsilli Lokali jipparteċipaw – Il-Kunsill innota il-kontenut filwaqt li nstab li d-data tal-għeluq kienet proprju dakinhar stess.

46.10.7 Ċirkulari Numru SPI/07/2019 dwar Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistema ta' Irrigazzjoni, mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datata 18 ta' April 2019, fejn filwaqt tniedi dan il-proġett, tagħti ħarsa lejn il-proċeduri li dawk il-Kunsilli Lokali interessati huma mitluba jadottaw filwaqt li tistieden lill-Kunsilli Lokali jipparteċipaw sa' mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Erbgħa 12 ta' Ġunju 2019. - Il-Kunsill innota il-kontenut filwaqt li qabel li jipparteċipaw sabiex issir sistema ta' irrigazzjoni għall-Playing Field tal-Kunsill Lokali.

46.10.8 Komunikat mibgħut mid-Direttur Ġenerali u mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datat 13 ta' Marzu 2019 fejn jgħarraf lill-Kunsilli Lokali li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali issieħbet mal-Kunsill Malti għall-Arti għas-sentejn li ġejjin fuq Proġett ta' Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Reġjonali bil-għan li jiġu identifikati l-prijoritajiet kulturali fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali kif ukoll żviluppati strateġiji kulturali reġjonali għall-perijodu 2020-2025. Għaldaqstant ir-Reġjuni u l-Kunsilli Lokali qegħdin jiġu mistiedna sabiex fil-futur qarib jipparteċipaw fi stħarriġ u konsultazzjoni li ser eventwalment iwasslu għat-tfassil ta' dawn l-istrateġiji sabiex is-sena d-dieħla jingħata ukoll it-taħriġ fuq l-implimentazzjoni ta' dawn l-istess strateġiji kulturali – Il-Kunsill innota il-kontenut.

46.10.9 *E-mail* u stedina mingħand l-*Allied Rainbow Communities* fejn tistieden lill-Kunsilli Lokali sabiex għal darb'oħra jerġgħu jipparteċipaw fil-Malta Pride 2019 li din is-sena ser tinżamm bejn is-6 u l-15 ta' Settembru 2019 billi jiżbgħu bankijiet u/jew *zebra crossings* bil-kuluri tal-qawsalla; kif ukoll ittellgħu l-bandiera tal-qawsalla ukoll fuq l-Uffiċċji tal-Kunsill Lokali; kif ukoll jorganizzaw sessjonijiet ta' inklużjoni għall-membri tal-istaff tagħhom u/jew għall-Pubbliku in ġenerali – Il-Kunsill innota il-kontenut filwaqt li l-membri qabblu li din il-korrispondenza għandha terġa' titressaq quddiem Kunsill ġdid meta jiltaqa' b'membri ġodda wara l-Elezzjonijiet ta'Mejju 2019.

46.10.10 *E-mail* u Ittra mingħand il-Bicycle Advocacy Group datata l-3 ta' April 2019 fejn jirrimarkaw li qegħdin jitwaħħlu *bicycle racks* f'numru ta' Kunsilli Lokali li għalkemm huma pass fid-direzzjoni t-tajba imma ma humiex kif mistennija għax joffru aktar żvantaġġi milli

serħan il-moħħ sid ir-rota u għalhekk jirrakomandaw li l-aħjar tip huma U invertita jew *Sheffield type racks* - Il-Kunsill innota il-kontenut

46.10.11 Stqarrija maħruġha mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali(AKL) dwar il-Qbid ta' Ħamiem fejn filwaqt li ssemmi li saru numru ta' laqgħat ma' Kunsilli Lokali li qed isoffru problemi ta' ħamiem, l-Assoċjazzjoni tesprimi n-nuqqas ta' qbil għal dawk il-Kunsilli li qegħdin jeliminaw il-ħamiem billi jisparawlhom filwaqt li tirrakomanda li wara numru ta' studji u diskussjonijiet li saru, qiegħed jiġi rakkomandat il-metodu tal-*cage trapping* filwaqt li jiġu msaħħa bl-liġi li tipprojbixxi għal kollox li wieħed jitma' il-ħamiem f'postijiet pubbliċi filwaqt li tippreċiża li ħarġet sejħa sabiex isir dan it-tip ta' qbid mingħajr ma tagħti responsabbiltà lill-Kuntrattur sabiex jiddisponi mill-ħamiem billi jagħtihom ikel valenuż filwaqt li assigurat li s-sejħa hi konformi ma' dak miftiehem u maqbul fil-Kabinett – Il-Kunsill innota il-kontenut.

**46.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

46.11.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti spjega tal-pagamenti li kienu qegħdin jiġi preżentati għall-approvazzjoni jew mod ieħor tal-Kunsill Lokali Fontana.

46.11.2 Wara l-ispjega sodisfaċenti li ngħatat mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv fejn ġie imfisser kull ħlas rispettiv, il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti li tammonta għal €20,564.23 kif annessa mal-minuti.

**46.12 Materji Oħra.**

46.12.1 Minħabba li ma kienx hemm materji oħra, il-Laqgħa ġiet fi tmiemha.

**46.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

46.13.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-7.30p.m. u ġiet aġġornata *sine die*.

| | |
|---|---|
| *Iffirmata* | *Iffirmata* |
| **Saviour Borg** | **George Refalo** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |